

Brussell, 9 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0004 (COD)

9926/17
ADD 2

SOC 460
EMPL 355
SAN 230
IA 97
CODEC 973

RAPPORT

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9045/17 ADD 1 SOC 325 EMPL 244 SAN 189 IA 82 CODEC 781
Nru dok. Cion:	ST 5251/17 SOC 12 EMPL 8 SAN 24 IA 4 CODEC 32
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol

Skont il-gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt (dok. 16024/14), id-delegazzjonijiet isibu meħmuż sommarju tal-Presidenza tad-diskussjonijiet dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt rigward id-Direttiva msemmija hawn fuq.

Kważi d-delegazzjonijiet kollha qiesu li **l-kuntest ta' politika u l-bażi legali** tal-inizjattiva huma spjegati b'mod ċar fil-Valutazzjoni tal-Impatt (IA) u l-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet evalwaw b'mod pożittiv id-**definizzjoni tal-problema**, minkejja nuqqas ta' data aġġornata u affidabbli enfasizzat minn diversi delegazzjonijiet.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet irrikonoxxew il-koerenza u l-konsistenza tal-**objettivi ta' politika** mal-inizjattiva, sabiex tiġi mminimizzata l-espożizzjoni għall-karċinoġeni fuq ix-xogħol u biex ikun hemm ekwivalenza fil-limiti tal-espożizzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE. Xi delegazzjonijiet irreferew għal nuqqas ta' ċarezza rigward l-ispejjeż tal-konformità, b'mod partikolari għall-SMEs. Għalkemm il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet qablu li l-objettivi huma marbuta ma' **indikaturi ta' monitoraġġ li jitkejlu**, għadd konsiderevoli ta' delegazzjonijiet enfasizzaw li l-indikaturi mhumiex speċifiċi u li jista' jkun li mhumiex affidabbli biżżejjed u jimplikaw biss eżiti fit-tul, minħabba l-perjodi ta' latenza tal-kanċer.

Kważi d-delegazzjonijiet kollha qiesu li l-proposta hija konformi għalkollox mal-**prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità**. Fir-rigward tal-**għażliet ta' politika** magħżula, b'mod ġenerali d-delegazzjonijiet evalwawhom b'mod pożittiv. Xi delegazzjonijiet indikaw li ppreferew li tingħata aktar spjegazzjoni għalfejn għadd ta' sustanzi ma ġewx inklużi fil-proposta finali, jew li tiġi esplorata aktar il-possibbiltà li dawn jiġu inklużi. Oħrajn ippreferew ukoll li jiġu inklużi sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni. Barra minn hekk, delegazzjonijiet individwali rrikonoxxew ir-raġunijiet li għalihom OEL għall-egżost mill-magni diżil ma ġiex introdott f'dan l-istadju, iżda esprimew dubji dwar l-indikatur użat.

Fir-rigward tal-**impatti ambjentali**, filwaqt li l-maġġoranza wiegħbu b'mod pożittiv dwar il-kwalità tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, xi delegazzjonijiet esprimew dubji dwar ir-rilevanza tagħhom peress li l-enfasi tal-proposta huwa l-miżuri li jipproteġu l-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, oħrajn ippreferew deskrizzjoni aktar sinifikanti. Billi maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet kienu sodisfatti, bil-valutazzjoni tal-**impatt fuq il-kumpaniji**, xi wħud enfasizzaw li l-Kummissjoni setgħet ikkunsidrat id-daqs tal-intrapriża u l-istruttura tas-settur. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tal-**impatt fuq il-konsumaturi** kienet appoġġata mill-maġġoranza tad-delegazzjonijiet bil-kumment addizzjonali li setgħet ġiet analizzata aktar bir-reqqa bidla fl-ispejjeż addizzjonali għall-konsumaturi.

Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet huma sodisfatti (jew pjuttost sodisfatti) bil-valutazzjoni tal-impatt tal-**ispejjeż regolatorji**, xi delegazzjonijiet indikaw li l-evalwazzjoni kwantitattiva tagħhom qagħdet fuq informazzjoni kemxejn qadima u ġenerika. Delegazzjonijiet oħrajn kienu tal-fehma li approċċ kwalitattiv seta' kien biżżejjed. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet wiegħbu li l-**impatti fuq l-Istati Membri u fuq pajjiżi terzi/aspetti internazzjonali** kienu ppreżentati u vvalutati b'mod ċar. F'partijiet differenti tat-tweġibiet tagħhom, diversi delegazzjonijiet semmew in-nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-**riskju residwu**.

Kważi dawk kollha li wiegħbu rrikonoxxew li l-kummenti tal-**Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt** ittieħdu sew inkonsiderazzjoni fil-valutazzjoni tal-impatt. Fir-rigward tal-**kejl tal-effetti**, ir-rispons wera appoġġ kbir għall-indikaturi proposti, minkejja xi kummenti dwar in-nuqqas ta' possibbiltà li jintwerew benefiċċji diretti minħabba l-effett ta' latenza tal-kanċer fuq ix-xogħol. Delegazzjonijiet individwali enfasizzaw il-benefiċċji importanti li jiġi introdott bijomonitoraġġ għas-saħħa tal-ħaddiema u li min iħaddem jingħata għajna biex jiffranka l-ispejjeż.

Xi delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar in-nuqqas ta' informazzjoni dettaljata rigward il-**monitoraġġ tal-implimentazzjoni**. Madankollu, xi delegazzjonijiet irrikonoxxew id-diffikultà biex tinstab biżżejjed data u data affidabbli, filwaqt li enfasizzaw li l-informazzjoni rigward l-istima ta' ħaddiema esposti kienet antikwata. Fl-aħħar nett, il-**metodoloġija** użata b'mod ġenerali kienet ikkunsidrata bħala adatta u ċara, filwaqt li l-**limitazzjonijiet u l-inċertezzi** tagħha ġew esposti.